

EIOPA-BoS-14/175 MT

## **Linji Gwida dwar l-applikazzjoni tal-modulu tar-riskju ta' sottoskrizzjoni tal-ħajja**

## **Introduzzjoni**

- 1.1. Skont I-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabiliixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (minn hawn 'il quddiem "Ir-Regolament EIOPA")<sup>1</sup> I-EIOPA qed toħroġ Linji Gwida dwar I-applikazzjoni tal-modulu tar-riskju ta' sottoskrizzjoni tal-ħajja.
- 1.2. Il-Linji Gwida huma relatati mal-Artikolu 105 (3) tad-Direttiva 2009/138/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (minn hawn 'il quddiem "Solvibbiltà II")<sup>2</sup> kif ukoll mal-Artikoli 137, 138 u 139 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni<sup>3</sup>.
- 1.3. Dawn il-Linji Gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet superviżorji taħt is-Solvibbiltà II.
- 1.4. Dawn il-Linji Gwida għandhom l-għan li jiffaċilitaw il-konverġenza tal-prattiki tul-I-Istati Membri u li jappoġġjaw l-impriżi huma u jikkalkolaw ir-rekwiżit kapitali tagħhom għar-riskju ta' sottoskrizzjoni tal-ħajja taħt is-Solvibbiltà II.
- 1.5. Dawn il-Linji Gwida jinkludu gwida dwar liema rati għandu jkollhom bidla permanenti f'daqqa sabiex jiġi kkalkolat ir-rekwiżit kapitali għall-modulu tar-riskju ta' sottoskrizzjoni tal-ħajja msemmi fl-Artikolu 105 (3) tas-Solvibbiltà II. Huma jiffokaw fuq:
  - (a) is-submodulu tar-riskju tal-mortalità msemmi fl-Artikolu 105 (3) (a) tas-Solvibbiltà II u fl-Artikolu 137 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni;
  - (b) is-submodulu tar-riskju ta' lonġevità msemmi fl-Artikolu 105 (3) (b) tas-Solvibbiltà II u fl-Artikolu 138 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni;
  - (c) is-submodulu tar-riskju ta' diżabilità-morbidità msemmi fl-Artikolu 105 (3) (c) tas-Solvibbiltà II u fl-Artikolu 139 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni.
- 1.6. Il-Linja Gwida 5 tipprovdi gwida dwar kif l-impriżi għandhom jikkalkolaw ir-rekwiżit kapitali għar-riskju ta' diżabilità-morbidità fil-każ ta' kuntratt li jippermetti stati multipli ta' diżabilità. Għandha l-għan li tappoġġja l-impriżi sabiex jidentifikaw b'mod xieraq liema rati ta' tranżizzjoni jeħtieġu bidla permanenti f'daqqa waqt il-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi taħt stress.
- 1.7. Jekk mhumiex iddefiniti f'dawn il-Linji Gwida, it-termini jkollhom it-tifsira ddefinita fl-atti legali msemija fl-introduzzjoni.
- 1.8. Il-Linji Gwida għandhom jaapplikaw mill-1 ta' April 2015.

<sup>1</sup> ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48-83

<sup>2</sup> ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1-155

<sup>3</sup> ĠU L 12, 17.01.2015, p. 1-797

## **Linja Gwida 1 – Żieda fir-rati tal-mortalità**

- 1.9. L-impriżi għandhom japplikaw iż-żieda fir-rati ta' mortalità msemmija fl-Artikolu 137 tal-Miżuri ta' Implementazzjoni irrispettivament mill-unità ta' żmien tar-rati (annwali, mensili, eċċ.) u fejn iż-żieda fir-rati ta' mortalità twassal għal żieda fil-provvedimenti tekniċi mingħajr il-marġni ta' riskju. Wara ż-żieda, ir-rati ma għandhomx jaqbżu l-valur ta' 1.

## **Linja Gwida 2 – Tnaqqis fir-rati tal-mortalità**

- 1.10. L-impriżi għandhom japplikaw it-tnaqqis fir-rati ta' mortalità msemmi fl-Artikolu 138 tal-Miżuri ta' Implementazzjoni irrispettivament mill-unità ta' żmien tar-rati (annwali, mensili, eċċ.) u fejn it-tnaqqis fir-rati ta' mortalità jwassal għal żieda fil-provvedimenti tekniċi mingħajr il-marġni ta' riskju.

## **Linja Gwida 3 – Żieda fir-rati ta' inċidenza ta' diżabilità-morbidità**

- 1.11. L-impriżi għandhom japplikaw iż-żieda fir-rati ta' diżabilità u morbidità msemmija fl-Artikolu 139 (a) u (b) tal-Miżuri ta' Implementazzjoni irrispettivament mill-unità ta' żmien tar-rata (annwali, mensili, eċċ.). Wara ż-żieda, ir-rati ta' diżabilità u morbidità ma għandhomx jeċċedu l-valur ta' 1.

## **Linja Gwida 4 - Tnaqqis fir-rati ta' rkupru ta' diżabilità-morbidità**

- 1.12. L-impriżi għandhom japplikaw it-tnaqqis fir-rati ta' rkupru ta' diżabilità u morbidità msemmi fl-Artikolu 139 (c) tal-Miżuri ta' Implementazzjoni irrispettivament mill-unità ta' żmien tar-rata (annwali, mensili, eċċ.).
- 1.13. Minkejja l-paragrafu ta' hawn fuq, l-impriżi ma għandhomx japplikaw it-tnaqqis għal rati ta' rkupru b'valur ta' 1, li semplicejment jirrifletti l-fatt li l-pagamenti tal-benefiċċju jintemmu wara perjodu kuntrattwalment fiss.

## **Linja Gwida 5 - Garanziji ta' status multiplu**

- 1.14. Fejn ir-rati ta' tranżizzjoni bejn diversi status ta' saħħha jidħlu fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi, l-impriżi għandhom jikkunsidraw ir-rati kollha ta' tranżizzjoni minn status għal ieħor aktar sever bħala rati ta' diżabilità u morbidità u r-rati kollha ta' tranżizzjoni minn status għal ieħor inqas sever (inkluż l-istatus "saħħha tajba") bħala rati ta' rkupru ta' diżabilità u morbidità għall-finijiet tal-kalkolu tar-rekwiżit kapitali tar-riskju ta' diżabilità-morbidità msemmi fl-Artikolu 139 tal-Miżuri ta' Implementazzjoni, irrispettivament mill-istatus attwali tad-detentur tal-polza li għaliha jiġi kkalkulat provvedimenti tekniku.
- 1.15. Ir-rati ta' persistenza biss għandhom jiġu aġġustati sabiex ikun żgurat li wara l-bidla permanenti f'daqqa, is-somma tar-rati ta' tranżizzjoni minn stat wieħed għal oħrajn xorta tammonta għal 1.

## **Regoli ta' Konformità u ta' Rappurtar**

- 1.16. Dan id-dokument fih Linji Gwida maħruġin taħt I-Artikolu 16 tar-Regolament EIOPA. B'konformità mal-Artikolu 16 (3) tar-Regolament EIOPA, l-Awtoritajiet Kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida u r-rakkmandazzjonijiet.
- 1.17. L-awtoritajiet kompetenti li jikkonformaw jew li beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida għandhom jinkorporawhom fil-qafas regolatorju jew superviżorju tagħhom b'mod xieraq.
- 1.18. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw lill-EIOPA jekk humiex konformi jew humiex beħsiebhom ikunu konformi ma' dawn il-Linji Gwida, bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, fi żmien xahrejn mill-ħruġ tal-verżjoniċċi tradotti.
- 1.19. Fin-nuqqas ta' rispons sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu mhux konformi mar-rappurtar u jiġu rrappurtati bħala tali.

## **Dispożizzjoni Finali dwar ir-Rieżamijiet**

- 1.20. Il-Linja Gwida preżenti għandhom ikunu suġġetti għal rieżami mill-EIOPA.